ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija Tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2014**

| |
|---|
| |
| **Il-Marka minn 100** |

**Ir-Raba' Sena** **L-ISTUDJI SOĊJALI** **Il-Ħin: Siegħa u kwart**

**L-Isem: ___________________________________** **Il-Klassi: ______________**

## 1. Aqta' sing taħt it-tajba.



1. Meta grupp ta' ħbieb ma jaqblux fuq xi ħaġa, huma għandhom (jiġġieldu bil-ponnijiet, jitkellmu, jirrabjaw, jitilqu 'l hemm).
2. Meta jkollna xi laqgħa għandna dejjem naslu (fil-ħin, bi ngħas, tard).
3. Meta nkunu morda, għandna nkellmu (lis-sindku, lill-Prim Ministru, lit-tabib).
4. (Il-pulizija, It-tabib, Tal-indafa pubblika) għandu jżomm l-ordni waqt il-festa tar-raħal.
5. Meta naraw persuna titbissem, nindunaw li dik il-persuna tħossha (mdejqa, kuntenta, rrabjata).
6. Aħna l-bnedmin nikkomunikaw bejnietna (bis-sajjetti, bil-lingwi, bil-foresti).
7. Mezz ta' komunikazzjoni importanti bejn l-ibliet u l-irħula ta' kull pajjiż huma (t-toroq, l-foresti, l-muntanji).
8. Meta nsemmu l-*mass media,* inkunu qed ninkludu (t-toroq, l-ajruplani, l-gazzetti).
9. Bosta ismijiet ta' toroq tagħna jfakkruna f'xi persuni li (għamlulna d-deni, għamlu l-ġid lill-komunità, qabżu l-età ta' mitt sena).
10. Bosta prodotti jgħaddu mill- (*Freeport,* Ajruport, Belt Valletta) fi triqthom lejn pajjiżi oħra barra minn Malta.

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**2. Ikteb IVA jew LE fil-kaxxi l-vojta.**

| | | IVA / LE |
|---|---|---|
| 1 | Il-gideb jista' jġibilna ħafna ġlied. | |
| 2 | Kulħadd għandu dritt għall-opinjoni tiegħu. | |
| 3 | Qatt ma jaqbillek iċċedi għax jekk iċċedi tidher ikrah ma' sħabek. | |
| 4 | Tista' tinduna kif qed iħossu sieħbek mill-ħarsa fuq wiċċu. | |
| 5 | Biex immorru minn pajjiż għal ieħor nużaw l-iktar ir-roti. | |
| 6 | Nistgħu nesprimu l-opinjonijiet tagħna permezz tal-*mass media*. | |
| 7 | Bit-telefown nista' nitkellem mal-kuġin li jgħix l-Awstralja. | |
| 8 | Permezz tal-Internet nista' nfittex informazzjoni dwar il-pajjiżi tal-Ġappun u tal-Korea. | |

**(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**3. Wieġeb bil-għajnuna tal-istampa.**




1. Jekk ir-riħ jonfoħ mid-direzzjoni mmarkata bin-numru tnejn, mil-liema direzzjoni jkun ġej?

   ______________________________

2. Min-numru sitta jonfoħ riħ

   ______________________________

3. Min-numru wieħed jonfoħ riħ

   ______________________________

4. Liema direzzjoni jurina n-numru erbgħa? ______________________________
5. Il-Majjistral huwa mmarkat bin-numru ____________________
6. Il-Lbiċ huwa mmarkat bin-numru __________________________
7. Riħ ġej mix-Xlokk, normalment ikun riħ frisk jew sħun? _________________
8. Min-numru ħamsa, normalment jonfoħ riħ sħun jew frisk? ________________

**(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**4. Wieġeb dwar it-Temp u l-Klima.** Aqta' sing jew imla l-vojt.

1. (a) X'jissejjaħ l-istrument immarkat bl-ittra A?

   ________________________________________ (1)

   (b) Għal xiex nużawh?

   __________________________________________

   ________________________________________ (2)




2. L-istrument immarkat bl-ittra A jista' jgħinna biex niddeċiedu (x'riħ hu, xi lbies se nilbsu, x'se nsajru). (1)

3. (a) X'jissejjaħ l-istrument immarkat bl-ittra B?

   __________________________________(1)

   (b) Għal xiex nużawh?

   ____________________________________

   ____________________________________

   ________________________________ (2)




4. L-istrument immarkat bl-ittra B jista' jgħin ħafna lis-sajjied biex jara jekk għandux (jiżbogħ ix-xbieki blu, joħroġ fuq il-baħar, jiekol ħut jew ħaxix). (1)

5. Meta t-temperatura tinżel għal madwar 5 gradi Celsius, l-ajru jkun (imsaħħab, sħun ħafna, kiesaħ ħafna). (1)

6. Bis-sħana li kienet ilbieraħ, lanqas flaħna niċċaqalqu. Fir-rapport tat-temp qrajna li t-temperatura telgħet (15-il, 150, 33) grad Celsius. (1)

**(10 marki)**

**5. IL-FORESTA, IL-MERGĦA u D-DEŻERT.** Imla l-vojt bil-kliem mogħti.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| pjanti | tiksaħ | m'għandniex | sħana | niexef |
| xadini | slavaġ | mergħa | xita | l-injam |



1. Mill-foresti naqtgħu s-siġar. Minn dawn is-siġar nieħdu ___________________________________ .
2. Fil-foresta wkoll jikbru ħafna _____________________ ta' daqsijiet differenti.
3. Fil-foresti jgħixu minn kull tip ta' annimali _________________________ bħal tigri, iljuni, _________________________ u kukkudrilli.
4. F'Malta ___________________________________ foresti.
5. Id-deżert huwa post _____________________ ħafna fejn ftit li xejn tagħmel _____________________________ .



6. F'bosta deżerti matul il-jum tagħmel ħafna ___________________________ , filwaqt li mal-lejl it-temperatura ______________________________ ħafna.
7. Biċċa art kbira fejn jikber ħafna ħaxix u li tintuża l-aktar sabiex jirgħu l-annimali tissejjaħ ________________________ .

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**6. Immarka b'ċirku l-ħames affarijiet li ssib fi skola li għandha ambjent sabiħ.**

Waħda minnhom hija lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| fjuri | bandli | dastbins |
| pjanti | taħżiż mal-ħitan | ġnien |
| tajn fl-art | karti fl-art | madum imkisser |
| siġar | ħmieġ fil-ħamrija | ħitan mibruxa |

**(marka 1 x 5 = 5 marki)**

7. **Aqra:** Fuq il-mappa li ġejja, biċċa min-numri huma miktuba fejn hemm il-baħar, oħrajn huma miktuba fejn insibu xi pajjiż. **Wieġeb bl-għajnuna tal-mappa.**




1. Ikteb żewġ numri mill-mappa li juruna fejn insibu l-Baħar Mediterran.

   (a) ____________________________ (b) ____________________________ (2)

2. (a) Ikteb numru li jurina pajjiż. ______________________________________ (1)

   (b) X'jismu l-pajjiż li għażilt? ______________________________________ (1)

   (c) Ikteb il-belt kapitali ta' dan il-pajjiż. ______________________________ (1)

3. (a) Ikteb numru ieħor li jurina pajjiż ieħor. ______________________________ (1)

   (b) X'jismu dan it-tieni pajjiż li għażilt? ______________________________ (1)

   (c) Ikteb il-belt kapitali ta' dan il-pajjiż. ______________________________ (1)

**(8 marki)**

**8. Ikteb XERRI ħdejn is-sentenzi li jgħoddu għal Dun Mikiel Xerri; ikteb PSAILA ħdejn is-sentenzi li jgħoddu għal Dun Karm Psaila.**
Ara l-eżempju.


Dun Karm Psaila


Dun Mikiel Xerri

| | | XERRI / PSAILA |
|---|---|---|
| *Eż.* | *Il-monument tiegħu qiegħed fi Triq Sant'Anna l-Furjana.* | ***Psaila*** |
| 1 | Għall-bidu kien jikteb il-poeżiji tiegħu bit-Taljan. | |
| 2 | Il-monument tiegħu qiegħed ġol-Belt Valletta. | |
| 3 | Għex fi żmien meta Malta kienet immexxija mill-Kavallieri ta' San Ġwann. | |
| 4 | Ħa sehem fi pjan biex jitkeċċew il-Franċiżi minn Malta. | |
| 5 | Wera kuraġġ meta beda jikteb poeżiji bil-lingwa Maltija. | |
| 6 | Ġie maqtul bl-azzarini tas-suldati Franċiżi fil-Belt. | |
| 7 | Kien eroj għax ta ħajtu għall-poplu Malti. | |
| 8 | Kiteb il-versi tal-Innu Malti. | |
| 9 | Qabel ġie maqtul għajjat "Viva Malta!" | |
| 10 | Kiteb bosta innijiet sbieħ reliġjużi bil-Malti bħall-Innu 'Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema'. | |

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**9. Il-Miġja tan-Normanni f'Malta.** Wieġeb il-mistoqsijiet billi timla l-vojt jew billi taqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba**.**



1. In-Normanni, li fis-sena 1091 attakkaw lil Malta, ġew minn (Spanja, Ċipru, Sqallija). (1)
2. F'Malta dak iż-żmien kien hawn ħafna (Ingliżi, Għarab, Amerikani). (1)
3. Wara li rebħu lil Malta, in-Normanni baqgħu sejrin u rebħu wkoll (lil Franza, lil Għawdex, lill-Eġittu). (1)

4. Min kien il-Kap tan-Normanni?

________________________ (2)

5. X'kien jisimha l-belt ewlenija ta' Malta meta ġew in-Normanni?

________________________ (2)



6. Għaliex in-Normanni riedu jirbħu lil Malta?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (2)

7. Semmi differenza importanti li kien hemm bejn il-biċċa l-kbira tan-nies li kien hawn Malta dak iż-żmien, u bejn in-Normanni.

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (2)

**(11-il marka)**

**10. Festi, Drawwiet u Tradizzjonijiet Popolari.**

Qabbel billi tikteb l-isem tal-festa fil-kaxxi tal-lemin. *Ara l-eżempju.*

Agħżel minn: **IL-MILIED, L-GĦID, SANTA MARIJA**

| | | |
|---|---|---|
| Eż. | *Jidħol fil-Port il-Kbir il-konvoj li salvana mill-ġuħ.* | *Santa Marija* |
| 1 | L-Istaġun kiesaħ tax-xitwa | |
| 2 | Noħorġu purċissjoni bil-vara ta' Kristu Rxoxt. | |
| 3 | il-Mosta, il-Gudja, Ħal Għaxaq, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħad-Dingli, l-Imġarr Malta, ir-Rabat Għawdex, iż-Żebbuġ Għawdex | |
| 4 | Il-15 t'Awwissu | |
| 5 | Narmaw il-presepju. | |
| 6 | Siġra armata bid-dwal jixegħlu u jitfu. | |
| 7 | Tal-MUSEUM joħorġu puċissjoni bil-Bambin. | |
| 8 | Il-25 ta' Diċembru | |
| 9 | L-Istaġun tar-rebbiegħa | |
| 10 | Nagħmlu u nieklu l-figolli. | |

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**11. Il-Ħin Liberu.** Aqra s-sentenza, imbagħad wieġeb il-mistoqsija.

1. (a) **Aqra**: Fid-29 ta' Ġunju ta' kull sena niċċelebraw il-festa tal-Imnarja.

   (b) **Wieġeb**: Semmi drawwa waħda marbuta mal-Imnarja li fl-antik u llum baqgħet l-istess, jiġifieri ma nbidlitx.

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2)

2. (a) **Aqra**: Fl-antik il-Maltin kienu jqumu kmieni, imma jorqdu kmieni.

   (b) **Wieġeb**: Għaliex taħseb li llum il-Maltin jorqdu iktar tard minn qabel?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2)

3. (a) **Aqra**: Fl-antik bosta rġiel Maltin kienu jmorru jixorbu f'xi ħanut tax-xorb.

   (b) **Wieġeb**: Semmi passatemp li għandhom il-Maltin illum u li ma kienx jeżisti fl-antik.

   ______________________________________________________________ (2)

4. (a) **Aqra**: Bosta bliet u rħula Matin, kull sena, jagħmlu festa sabiħa f'ġieħ xi qaddis jew qaddisa.

   (b) **Wieġeb**: Semmi drawwa waħda marbuta mal-festa tar-raħal li fl-antik u llum baqgħet l-istess, jiġifieri ma nbidlitx.

   ______________________________________________________________ (2)

5. (a) **Aqra**: Il-ħin meta ma nkunux l-iskola u lanqas ma nkunu qed nagħmlu xogħol tal-iskola, insejħulu ħin liberu.

   (b) **Wieġeb**: **Semmi** mod wieħed kif xi passatemp li nagħmlu waqt il-ħin liberu tagħna biex nistrieħu jista' jkun ukoll ta' ġid għalina.

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2)

**(10 marki)**

## TMIEM IL-KARTA